MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1021/2002/1

**Aronne Camilleri**

**Vs**

**Claudio Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' sebgha mija u erbgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm734.50), danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fil-21 ta' Marzu 2002 bejn mutur bin-numru EAD 606 misjuq mill-attur u vettura bin-numru AAO 061 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-riposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ikkunsidra:

1. L-incident sehh fi Triq il-Marsa, Marsa. F’dan l-incident kien involut mutur (numru EAD 606) misjuq mill-attur fid-direzzjoni tal-Hamrun. Il-vettura l-ohra (numru Aao 061) kienet misjuqa mill-konvenut u fil-hin ta’ l-incident is-sewwieq kien qieghed jaghmel manuvra ta’ parking.

2. Irrizulta li l-incident rawh isehh tnejn min-nies li kienu f’vettura tal-marka Peugeot sejrin fl-istess direzzjoni ta’ l-attur. Dawn ix-xhieda [Paul Camilleri u Mario Cassar] kkonfermaw li l-vettura Hyundai misjuqa mill-konvenut sporgiet il-barra mill-parking u laqghtet il-mutur.

3. Ix-xhieda moghtija minn Diane Ellul, passiggiera li kienet riekba fil-karrozza misjuqa mill-konvenut, m’hijiex attendibbli peress li xehdet li fil-hin ta’ l-incident il-vettura Hyundai kienet fil-*parking*. Il-fatti juru mod iehor (ara wkoll l-iskizz li gie mhejji mill-pulizija li nvestiga l-kaz – fol. 18a).

4. It-Tribunal kellu l-opportunita jisma’ x-xhieda *viva voce*, u fic-cirkostanzi huwa tal-fehma li l-kawza prossima ta’ l-incident kienet il-fatt li l-vettura misjuqa mill-konvenut harget il-barra mill-parking u laqghtet lill-attur. Fil-fehma tat-Tribunal m’hemmx kontributorjeta da parti ta’ l-attur li zgur ma kienx qieghed jistenna li l-vettura Hyundai tesporgi l-barra mill-*parking* hekk kif kien wasal hdejha.

5. Dwar id-danni reklamati, il-partijiet iddikajraw li m’hemmx kontestazzjoni (ara verbal tas-seduta tal-4 ta’ Lulju 2002 – fol. 20).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi filwaqt li jiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-21 ta’ Marzu 2002 gewwa l-Marsa, jikkundanna lill-konvenut ihallas is-

somma ta' sebgha mija u erbgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm734.50), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------